TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 158/10

**Brian Calleja**

**vs**

**What Mobile**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' April, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u tmenin ewro (€280), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* tad-ditta Nokia 6760 Slide.

L- intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *mobile phone Nokia 6760 Slide* mingħand id-ditta intimata għal prezz ta'mitejn u tmenin ewro (€280). Dan il-*mobile phone* intefa' u ma riedx jixgħel aktar u ħadu biex isewwih u nqalgħu xi inċidenti u kellu jitlaq mill-ħanut.

L-intimat issottometta illi kien propju r-rikorrenti li beda jgħajjat, meta dan l-istess intimat ried illi kullma kellu bżonn huwa li jbiddillu s-software u jerġa' jiġi tajjeb.

Minħabba n-natura teknika tal-materja, kif ukoll illi l-*mobile phone* ma kienx wieħed irħis, it-Tribunal aċċetta illi jitqabbad espert tekniku lis-Sur Martin Bajada, fejn fir-rapport tiegħu ikkonkluda s-segwenti;

Illi kieku r-rikorrenti ta biżżejjed żmien lill-intimat sabiex isewwi l-*mobile phone*, dan kien jissewwa għax ma kinitx xi ħaġa gravi imma kienet xi ħaġa li tissewwa.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra r-rapport tal-espert tekniku, jikkonkludi illi dawn il-ħsarat kienu ta' li setgħu jittranġaw u li kienet l-għaġla tar-rikorrenti li dan il-*mobile phone* ma ssewwiex.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, stante li verament kien hemm xi ħsara pero' din il-ħsara setgħet tissewwa u jikkwantifika din il-ħsara fl-ammont ta' tmenin ewro (€80).

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tmenin ewro (€80) lir-rikorrenti, b'dan illi l-ispejjeż kollha għandhom jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**